# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council

**Minuti tal-50 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2022 fl-4:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**50.01 Talba**

50.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**50.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

50.02.01 Is-D.S.E. nforma li l-Viċi Sindku kien informa li ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill approva li l-Viċi Sindku jkun meqjus bħala skużat.

**50.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 49**

50.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 49 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Decelis ippropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**50.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.04.01 Is-Sindku nfurmat li l-ħaddiema mit-*Tourism Zones Foundation* kienu qed jibżgħu il-bankijiet fi Ġnien il-Missjoni ż-Żgħira filwaqt li l-ħaddiem tal-Kunsill kien ser jieħu ħsieb jirranġa d-dawl. Kienu ser jinbidlu wkoll il-globi.

50.04.02 Is-Sindku nfurmat li xi ħadd mhux magħruf kien tefa xi sapun fil-funtana li hemm fi Ġnien Mikielanġ Sapiano u din għandha titnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-ġranet li ġejjin.

50.04.03 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet saret talba lill-kuntrattur tal-Kunsill Catbros sabiex jagħmel *extensive patching* skont il-bżonn f'diversi toroq madwar ir-raħal wara l-maltemp li għamel dan l-aħħar.

50.04.04 Is-Sindku nfurmat li kif approvat minn TM, kienet weħlet it-tabella tal-*One Way* fi Triq l-Isptar. Hija nfurmat li kien hemm xi residenti kienu irrimarkaw li kif weħlet kienet ser iżżommhom milli jidħlu fid-*drive* way tagħhom. Għal dan il-għan ġie

deċiż li mat-tabella jiżdiedu l-kliem "*Except for residents only*".Rigward Triq il-Parroċċa, jidher li t-tabella li weħlet li tipprojbixxi l-ipparkjar ġewwa l-isqaq mhux qed tiftiehem sew u għalhekk ġie approvat li t-tabella tiġi modifikata sabiex tkun tindika li ma jistax isir ipparkjar ġewwa l-isqaq. Ġie deċiż ukoll li Għandna nagħmlu talba lil TM għal *bollard* permanenti.

50.04.05 Rigward il-kwistjoni tal-magna tal-BCRS li kienet qed timpedixxi li l-ilma tax-xita jidħol ġewwa għalqa fil-viċin bħal ma dejjem sar, is-Sindku nfurmat li l-Kunsill reġa' tenna l-pożizzjoni tiegħu li din il-magna għanda tersaq b'tali mod li l-ilma jkun jista' jidħol ġewwa l-għalqa mingħajr problemi. Għandna niċċekkjaw mal-BCRS meta ser isir dan iċ-ċaqlieq.

50.04.06 Is-Sindku tat dettalji dwar il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart mit-2 ta' Jannar li ġej u qalet li għalkemm għad hemm xi problemi, sa issa jidher li l-ġbir għandu jkun normali għalkemm mhux bilfors mill-kuntrattur magħżul u l-vetturi tiegħu. Hija qalet li r-Reġjun li huwa direttament responsabbli minn dan il-kuntratt qed jaħdem sabiex it-transazzjoni bejn il-kuntratturi tkun waħda mingħajr problemi. Hija qalet ukoll li r-Reġjun kien ser jippubblika *leaflets* li juru l-iskeda l-ġdida fuq naħa u kalendarju fuq in-naħa l-oħra u li kien ser iħallas sabiex dan jitqassam f'kull residenza.

50.04.07 Rigward il-Ħajt tal-Matla s-Sindku nfurmat li l-ħajt kien qed jitkompla skont il-ftehim u malli dan jitlesta, jingħataw t-*tarmac* fil-parti li baqgħet ma saritx.

50.04.08 Is-Sindku rringrazzjat lill-Ministru S. Zrinzo Azzopardi wara li bl-intervent tiegħu kienet saret laqgħa bejn il-PWD u l-Perit li kien inkarigat mix-xogħlijiet tal-Pjazza u minn nofs Jannar għandu jibda x-xogħol pendenti sabiex il-Pjazza tkun kif suppost.

50.04.09 Is-Sindku nfurmat li kienet saret laqgħa mal-*iStorm* Water *Unit* fi ħdan il-Ministeru tax-Xogħlijiet rigward l-ilma li joqgħod fi Triq il-Katakombi (aktarx li trid issir modifika fil-bankina jew *culvert*), Triq Santa Katerina (isir *culvert*), Triq il-Mitħna (hawnhekk il-problema hija waħda kumplessa peress li biex tissolva hemm bżonn li tinqala t-triq) u Triq il-Parroċċa (trid issir it-triq). Il-Kunsill għandu jirċievi rapport dwar dawn it-toroq li imbagħad jiġi diskuss.

50.04.10 Is-Sindku nfurmat li wara applikazzjoni li konna għamilna, konna ieċivejna madwar € 36,000 sabiex isir *upgrade* fil-Ġnien tal-Mentna. Hija qalet li fil-ġranet li ġejjin għandu jsir *meeting* fuq il-post mal-Perit u l-kuntrattur tal-Kunsill sabiex naraw hux possibbli li x-xogħol li hemm isir taħt il-kuntratt eżistenti sabiex nevitaw li joqgħod jinħareġ *tender*. Ġie deċiż ukoll li għandna naraw insibux post għall-ġebel il-kbir li inizjalment kellu jsir fir-*roundabout* f'xi wieħed mill-proġetti li ser isiru.

50.04.11 Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien se jkun qiegħed ressaq applikazzjoni mal-Gal Xlokk sabiex isir *Heritage Trail* madwar ir-raħal. Hija qalet li rigward ir-restawr tan-niċeċ, ma konniex f'pożizzjoni li napplikaw għall-fondi peress li għad ma

għandiex il-Permessi f'idejna però kien hemm qbil li għandna nibqgħu naħdmu fuq dan il-proġett sabiex meta jerġgħu joħorġu l-fondi, nkunu f'pożizzjoni li napplikaw.

50.04.12 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba mis-Soċjetà' Madonna tal-Ġilju sabiex *posters* ta' attivitajiet organizzati mis-soċjetà' jitwaħħlu fin-*Noticeboards* tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill għandu jżomm in-*Noticeboard* għall-użu esklussiv tiegħu però, Soċjetajiet u għaqdiet oħra tar-raħal jistgħu jgħaddulna l-*posters* tagħhom, li ma jkunux ikbar minn A4 sabiex dawn jeħlu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

50.04.13 Fuq suġġeriment tas-Sindku, r-rebbieħ għall-isbaħ faċċata u t-3 itfal li bagħtu disinn għal kartolina tal-Milied, għandhom jiġu ppremjati waqt l-attività li ser issir għall-għaqdiet tar-raħal nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar wara l-quddiesa ta' ringrazzjament.

***Fis-7.00 pm, il-Kunsillier Dingli ħalla l-laqgħa minħabba raġunijiet personali.***

**50.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

50.05.01 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq ir-*road markings* li kien hemm pendenti u ġie deċiż li jekk ix-xogħol jibqa ma jsirx għandna noħorġu *Default Notices* u eventwalment inwaqqgħu il-kuntratt.

50.05.02 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsir tindif tal-*area* ħdejn il-ġibjun u ġie deċiż li dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

50.05.03 Il-Kunsillier Sciberras talab għal *update* dwar iż-*Zebra Crossing* fi Triq tas-Sejba u DSE informa li konna għadna qed nistennew mingħand TM. Sadanittant is-*Sleeping Policeman* fl-istess triq kienet ġiet approvata.

50.05.04 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għal *update* dwar id-diversi talbiet għal bozoz ġodda u s-DSE informa li talbiet għal bozoz ġodda kienu *On Hold* minħabba l-fatt li l-kuntrattur ma kienx jaf x'ser tkun il-pożizzjoni tiegħu fil-futur. Ġie deċiż li għandna napplikaw xorta.

50.05.05 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għal *update* dwar il-Bandla li kienet tkissret fi Ġnien Tfal ir-Raħal u s-Sindku nfurmat li propju l-bieraħ is-*supplier* kien infurmaha li din kienet issewwiet. Mid-diskussjoni li segwiet jidher li ħadd ma awtorizza li jsir dan ix-xogħol peress li ma konniex nafu kemm ser jiġi jiswa kif ukoll jekk l-istess xogħol kienx ser ikollu mpatt fuq il-garanzija u ġie deċiż li l-Kunsill jerġa jiddiskuti dan il-każ jekk eventwalment nirċievu kont tat-tiswija.

50.05.06 Il-Kunsillier Decelis talab għal *update* dwar il-*Bus Shelter* f'Saljatura u d-DSE informa li konna għadna fuq il-*waiting list*. Fil-frattemp ġie deċiż li nagħmlu talba lil TM għal *Pelican Lights* maz-*Zebra Crossing* li hemm fil-viċin tal-istess *Bus Stop*.

50.05.07 Il-Kunsillier Decelis talab *update* dwar is-sitwazzjoni tal-karozzi tal-linja li kienu qed jibqgħu bil-magna startjata fil-Pjazza u s-Sindku wieġbet li konna ser nitolbu laqgħa ma' TM.

50.05.08 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li ssir tabella *No Right Turn* fi Triq id-9 ta' April u din it-talba ġiet approvata.

**50.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

50.06.01 Korrispondenza mingħand il-kuntrattur preżenti tal-ġbir tal-iskart fejn infurmana bil-prezzijiet tiegħu jekk kien ser jintalab sabiex ikompli bis-servizz minn Jannar li ġej. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

50.06.02 Korrispondenza mingħand id-DLG fejn ġejna nfurmati li kien ser jitkompla l-proċess ta' sejħa pubblika għall-ingaġġ ta' SE mal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon il-kontenut ta' din il-korrispondenza.

50.06.03 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar SPI/SCI/11/2022 - Korsijiet *Lifelong Learning* 2023/2024 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja. Peress li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jorganizza korsijiet f'propjetà tiegħu, ġie deċiż li nissuġġerixxu li jsir kuntatt ma-iskola primarja forsi jkunu jistgħu isiru xi korsijiet hemmhekk.

50.06.04 Korrispondenza mingħand *Mapfre Insurance* fejn il-Kunsill u IM qed jinżammu responsabbli għal inċident li kien seħħ fi Triq George Martin fl-2019. Ġie deċiż li nitolbu lill-avukat tal-Kunsill sabiex jirrispondi lura li din it-triq ma taqax taħt il-kompetenza tiegħu peress li kienet qatt ma ġiet asfaltata.

50.06.05 Korrispondenza mingħand il-Kunsillier Dingli fejn informa li kien intalab sabiex il-Kunsill japplika għal *Reserved Parking Bay* għal persuni bi bżonnijiet speċjali fi Triq is-Saljatura għall-użu ġenerali. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lil-TM

**50.07 Ilmenti u Suġġerimenti**

50.07.01 Talba sabiex bozza li preżentement tinsab imwaħħla ma' residenza fi Triq Mikielanġ Sapiano tinqala' u teħel ma' arblu faċċata. Peress li din it-talba saret minn persuna f'isem ir-resident, ġie deċiż li nitolbu lir-resident sabiex jibgħat it-talba tiegħu bil-miktub qabel mal-Kunsill jieħu deċiżjoni.

50.07.02 Il-Kunsillier Sciberras talab jekk hux possibbli li l-ħaddiema tal-Kunsill jieħdu ħsieb inaddfu l-isqaqien kollha li hemm fi Triq il-Parroċċa mill-ħaxix u ħmieġ ieħor. Din it-talba ġiet approvata.

50.07.03 Il-Kunsillier Decelis ilmenta minn ammont ta' ilma li qed joqgħod fi Triq Kirkop wara li tagħmel ix-xita. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lil *Storm Water Unit*.

50.07.04 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li jsir *Sleeping Policeman* fi Triq Kirkop kantuniera ma' Triq il-Murselli. Ġie deċiż li niktbu lir-residenti u jekk ikun hemm qbil issir talba lil-TM.

**50.08 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023 (*Draft*)**

50.08.01 Id-DSE informa li peress li kien għadu qed jistenna l-ammont li ser inħallsu taħt il-kuntratt tal-iskart kif ukoll l-ammonti tas-salarji għas-sena d-dieħla, kien għadu mhux f'pożizzjoni li jikkonkludi l-Estimi Finanzjarji u għalhekk ġie deċiż li dan l-*item* jerġa jitpoġġa fuq l-Aġenda tal-laqgħa ta' Jannar. Ġie deċiż ukoll li l-Laqgħa tal-Lokalita' fejn jiġu diskussi dawn l-estimi ssir nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2023 fil-5.00 pm

**50.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/50**

50.09.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/50 ġiet approvata unanimament.

50.09.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Novembru 2022 ġiet approvata unanimament.

**50.10 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

50.10.01 Il-laqgħa ntemmet fid-8:40 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 26 ta' Jannar fil-5:30 pm

Konfermati illum il-Ħamis 26 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |